MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 683/1994/1

**Ċitazzjoni Numru 683/94LM**

**Joseph Tabone għan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà Air Malta Company Limited u b'nota tad-9 ta' Mejju 1997, Louis Grech bħala Chairman għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Air Malta Company Limited, assuma l-atti tal-kawża minflok Joseph Tabone**

**vs**

**Georgina Zammit ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà British Shoe Store Company Limited**

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Mejju 1994 li taqra hekk:-

> *Illi s-socjetà attrici skont Tender Numru 2529 ħarġet sejħa għall-kwotazzjonijet għal żraben għall-istaff femminili tal-Air Malta;*

*Illi s-soċjetà konvenuta kkwotat ir-rati korripsondenti għal dawn iż-żraben, liema kwotazzjoni ġiet approvata mill-attur nomine skont Purchase Order datata 27 ta' Jannar 1993;*

*Illi skont it-termini tal-istess tender 'inter alia' item Numru 9, kif ukoll tal-purchase order, iż-żraben kellhom ikunu 'real leather material: kid or calf or full grain, with anti slip soles';*

*Illi wara li saret il-konsenja tal-istess fis-26 ta' April, 1993, u wara li l-konvenuta nomine kienet tħallset l-ammont kollu pattwit, irriżulta illi in effetti ż-żraben kienu manifatturati minn 'synthetic plastic material reinforced with textile' u dan skont eżami analitiku kondott mill-laboratorju tal-Istandards tad-Dipartiment tal-Industrija;*

*Illi għalhekk iż-żraben ma kienux konformi mal-patt espress fil-ftehim;*

*Illi l-konvenuta nomine, nonostante li ġiet interpellata biex tagħmel tajjeb għad-danni, baqgħet inadempjenti;*

*Tgħid għalhekk l-istess konvenuta nomine 'l għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-*

> *1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żraben suppliti mis-socjetà konvenuta, senjatament dawk magħrufa bħala 'Female Navy Blue Court Shoes' (item 9 tat-Tender), ma kienux jikkorrispondu fil-kwalità u manifattura għal dak pattwit fl-istess tender u li għalhekk l-attur nomine għandu dritt jirrifjutahom;*
>
> *2) tikkundanna lill-konvenuta nomine biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha ffissat, tirtira mingħand l-attur nomine ż-żraben minnha suppliti, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-bejgħ;*
>
> *3) tillikwida okkorrendo d-danni hekk subiti mill-attur nomine b'effett tal-inadempjenza kuntrattwali tal-konvenuta nomine kif fuq ingħad;*
>
> *4) konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta nomine tħallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;*

*Bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-15 ta' Lulju, 1993, taċ-Ċedola ta' Depożitu intavolata*

*kontestwalment u tal-ittri legali tal-5 ta' Lulju 1993 u 26 ta' Lulju 1993 kontra l-konvenuta nomine inġunta minn issa għas-subizzjoni.*

Illi bin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha ppreżentata fil-15 ta' Ġunju 1994 is-soċjetà konvenuta eċċepiet:

*1. In-nullità tal-att taċ-ċitazzjoni stante li mhix miktuba kif jistipula Artikolu 176 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-kwalità rappreżentattiva tal-partijiet mhix indikata u kwindi s-socjetà konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjetà attriċi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà attriċi aċċettat l-offerta li għamlitilha s-soċjetà konvenuta a bażi tal-kampjun minnha sottomess.*

*3. Illi meta s-soċjetà attriċi aċċettat l-offerta tas-socjetà konvenuta, kif ammess ukoll mis-socjetà attriċi fid-Dikjarazzjoni Ġuramentata ppreżentata mal-att taċ-ċitazzjoni, proprju f'dan l-istadju, seħħ bejn il-partijiet dak li jsejjaħ fid-dottrina Ingliża "sale by sample".*

*4. Illi dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju, is-socjetà attriċi kellha okkażjoni teżamina l-kampjun tas-socjetà konvenuta qabel ma aċċettat l-offerta tagħha u qabel ma ssaldat il-prezz għal erba' mija u għoxrin par żarbun, iżda madankollu xorta waħda aċċettat l-offerta u issa ma tistax tippretendi tħassar u tirrevoka l-aċċettazzjoni tagħha għaliex tkun qiegħda tħassar kuntratt li kkonkludiet mas-socjetà konvenuta mhux abbażi ta' Tender Nru 2529, iżda abbażi ta' "offer and acceptance".*

*5. Illi t-talbiet tas-socjetà attriċi kwindi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*6. Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

**Ikkunsidrat:**

Illi b'sentenza in parte ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata l-1 ta' Ottubru 1996, il-Qorti laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi, u (i) iddikjarat illi ż-żraben suppliti mis-socjetà konvenuta, senjatament dawk magħrufa bħala "Female Navy Blue Court Shoes"

(item 9 tat-Tender), ma kienux jikkorrispondu fil-kwalità u manifattura għal dak pattwit fl-istess tender u li għalhekk l-attur nomine għandu dritt jirrifjutahom; (ii) iddikjarat riżolt il-kuntratt finalizzat bil-Purchase Order tas-27 ta' Jannar 1993 – mertu tal-kawża u dan minħabba inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta.

Illi dwar it-tieni talba, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Jannar 1996 kienet irritjeniet li: "Jirriżulta illi dik il-parti tal-ordni li ma ġietx imqassma u li kienet għadha f'idejn is-soċjetà attriċi ġiet b'ċedola ta' depożitu depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti. Mhux allura l-każ li jiġi ffissat terminu li fih is-soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata tirtira dik il-merkanzija. Dan ir-rilaxx jista' jsir biss b'ordni oħra ta' din il-Qorti fil-proċeduri appożiti".

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta bis-sentenza in parte tagħha tal-1 ta' Ottubru 1996 iddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-kundanna tas-soċjetà konvenuta li tirtira l-merkanzija minnha kkonsenjata mingħand is-soċjetà attriċi u dan stante li rriżulta illi l-istess merkanzija tinsab iddepożitata b'ċedola taħt l-awtorità ta' din il-Qorti.

Illi s-soċjetà konvenuta kienet appellat minn din is-sentenza in parte, imma l-appell tagħha kien ġie dikjarat irritu u null mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-13 ta' Jannar 2000 u konsegwentement ma ħaditx aktar konjizzjoni tiegħu.

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet ħalliet l-kawża għal sentenza dwar it-tielet u r-raba' talba tas-soċjetà attriċi dwar id-danni subiti mill-attur nomine b'effett tal-inadempjenza kuntrattwali tal-konvenuta nomine.

Illi qabel xejn għandu jingħad li ġaladarba din il-Qorti kif diversament ippresjeduta bis-sentenza tal-1 ta' Ottubru 1996 kienet iddikjarat riżolt il-bejgħ skont il-kuntratt finalizzat bil-Purchase Order tas-27 ta' Jannar 1993 mertu ta' din il-kawża minħabba inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, konsegwentement is-soċjetà konvenuta għandha tiġi ordnata minn din il-Qorti, tirrifondi lis-soċjetà attriċi s-somma ta' LM5250 ekwivalenti għal €12,232.50, li tħallset lis-soċjetà konvenuta mill-istess soċjetà attriċi bħala prezz tal-imsemmija żraben.

Illi s-soċjetà konvenuta m'għandhiex titħalla żżomm il-prezz għal merkanzija li ma kenitx konformi ma' dak illi ġie miftiehem bejn il-partijiet u li ġiet konsenjata lura lill-bejjiegħ permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu li ġiet ippreżentata kontestwalment maċ-ċitazzjoni attriċi.

Illi għalhekk, din il-Qorti issa sejra tiddeċiedi wkoll jekk huwiex il-każ li jiġu likwidati danni favur is-soċjetà attriċi u jekk dan ikun il-każ, din il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu mill-istess soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, minbarra r-rifużjoni tal-prezz tal-bejgħ, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi ordnata tagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz bejn dak illi ħallset is-soċjetà attriċi biex xtrat mingħand terzi (Edwards) iż-żraben tal-kwalità stipulata fit-tender inkwistjoni, u l-prezz li ħallset is-soċjetà attriċi meta kienet xtrat iż-żraben mingħand is-soċjetà konvenuta.

Illi mill-provi jirriżulta li kull par żarbun mixtri mingħand is-soċjetà konvenuta kien jiswa LM12.50 u kull par żarbun mixtri mingħand

Edwards ġie jiswa LM16.20. Is-soċjetà attriċi kienet kostretta, minħabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta, illi tmur fis-suq u tixtri mill-aktar fis possibbli ż-żraben li kellha bżonn għall-istaff tagħha mingħand ħaddieħor u bi prezz ogħla.

Illi jirriżulta wkoll mill-provi li meta kienet kostretta tissostitwixxi ż-żraben li xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ma ħarġitx *tender* peress illi fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom, ma kellhiex biżżejjed żmien biex tagħmel dan.

Illi is-soċjetà attriċi inqabdet f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tagħmel użu miż-żraben illi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta peress li kienu ta' kwalità inferjuri u l-istaff kienu ressqu diversi ilmenti dwarhom, u fil-istess ħin riedet tara kif tagħmel biex tfittex tipprovdi lill-istaff tagħha bi żraben tal-kwalità mixtieqa mill-aktar fis possibbli.

Illi minkejja li s-soċjetà attriċi ġabet ħames stimi differenti għaż-żraben illi kellha bżonn, u dan skont il-Memorandum (a fol. 204), fiċ-ċirkostanzi hija ma kinitx f'qagħda li tikseb l-aktar prezz vantaġġjuż għaż-żraben permezz ta' ħruġ ta' *tender*.

Illi għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi li s-soċjetà konvenuta għandha tiġi ordnata tqiegħed lis-soċjetà attriċi fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha li kieku iż-żraben mertu ta' din il-kawża li ġew mixtrija mingħand is-soċjetà konvenuta, kienu tal-kwalità pattwita skont it-termini u l-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet.

Illi sabiex tagħmel dan, is-soċjetà konvenuta għandha tħallas lis-soċjetà attriċi bħala danni kuntrattwali d-differenza fil-prezz bejn dak li ħallset is-soċjetà attriċi lil Edwards u l-prezz illi s-soċjetà attriċi kienet ħallset lis-soċjetà konvenuta, u ċjoè Lm3.70 għal kull par żarbun.

Illli din il-Qorti tosserva li mingħand is-soċjetà konvenuta s-soċjetà attriċi xtrat 420 par żarbun, filwaqt illi mingħand Edwards, is-soċjetà attriċi spiċċat xtrat ammont inqas, u ċjoè, 355 par żarbun peress illi irrealizzat illi ma kellhiex bżonn l-ammont kollu ta' żraben li kien ġie mixtri mingħand is-soċjetà konvenuta.

Illi għalhekk għat-355 par żarbun mingħand Edwards, is-soċjetà attriċi ġiet ħallset l-ammont ta' Lm1,313.50 (ekwivalenti għal €3,021.05) aktar milli kienet ħallset lis-soċjetà konvenuta għal 420 par żarbun.

**Decide**

Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti t-talba tas-soċjetà attriċi għal danni kuntrattwali hija ġustifikata peress li s-soċjetà konvenuta nstabet illi kienet inadempjenti fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali fil-konfront tas-soċjetà attriċi.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. Tordna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lura lis-soċjetà attriċi il-prezz ta' tnax-il elf mitejn u tnejn u tletin ewro u ħamsin ċenteżmi (€12,232.50) li kien ġie mħallas għaż-żraben skont kif mifthiem bil-kuntratt finalizzat bil-Purchase Order tas-27 ta' Jannar 1993, mertu ta' din il-kawża u dan minħabba inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, liema kuntratt ġie iddikjarat riżolt b'sentenza in parte ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-1 ta' Ottubru 1996;**

**2. Tilqa' t-tielet talba tas-soċjetà attriċi u tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett elef u wieħed u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€3,021.05);**

**3. Tilqa' r-raba' talba tas-soċjetà attriċi, u tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata, bl-imgħax mil-lum.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Dr. Lawrence Mintoff**
**Imhallef**

**Frederick Stagno Navarra**
**Dep. Reg.**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------